# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT:
## DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JUR (EU LAW)

### SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 27 TA' MARZU 2001

Citazzjoni numru 12/01

Edmond sive Eddie Vella

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur fejn wara li ppremetta illi l-Att tat-Twelid ta' bintu Elaine-Maria li jgib in-numru sebgha u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (27/1985) datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar ta' l-istess sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar it-tarbija, fil-kolonni ntestati Ismijiet moghtijin u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, isimha huwa registrat u jidher bhala Elaine-Marie - certifikat tat-twelid anness u markat A;

Illi bint l-attur pero' mhijiex maghrufa b'dan l-isem izda bl-isem ta' Yanica u giet konsistentement imsejha b'dan l-isem;

Illi Yanica kien l-isem li l-attur ried jaghti lil bintu u fil-fatt fl-att tal-maghmudija tal-Parrocca tan-Nadur fejn bintu giet imghammda, bintu hija registrata bl-isem ta' Yanica - certifikat tal-maghmudija anness u markat B;

Illi bintu spiss ikollha problemi partikolarment fl-iskola minhabba li isimha fl-att tat-twelid huwa registrat mod u bintu hija identifikata b'isem iehor;

Illi biex bintu tevita milli jkollha aktar problemi 'il quddiem dwar l-isem proprju taghha, l-attur qieghed ghalhekk iressaq it-talba tieghu sabiex l-att tat-

twelid ta' bintu jigi korregut u jsir Yanica minflok Elaine Marie u dan ai termini ta' l-Artikolu 253(2) u (3) tal-Kodici Civili Kap 16.

Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-ewwel isem moghti lit-tarbija huwa ta' Yanica mhux Elaine-Marie u li l-isem li bih it-tarbija hija maghrufa huwa ta' Yanica u mhux Elaine-Marie;

2. Konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 253(2) u (3) tal-Kap 16 tordna l-korrezzjonijiet relattivi fil-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru sebgha u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (27/1985) u dan billi fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar it-Tarbija, fil-kolonna ntestata Ismijiet moghtijin, jizdied l-isem ta' Yanica qabel dak ta' Elaine-Marie, filwaqt li fil-kolonna ntestata Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, l-isem Elaine-Marie jigi sostitwit bl-isem Yanica jew minflok jizdiedu l-kliem "Yanica u mhux" qabel l-isem Elaine Marie;

3. Tordna wkoll jekk huwa, l-kaz li l-bdil effettwat fl-Att ta' Twelid imsemmi jigi riflett f'kull att iehor ta' l-istat civili relattiv ghal bint l-attur.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur guramentata mill-attur Edmond sive Eddie Vella.

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 17,053 tat-12 ta' Frar 2001 permezz ta' l-avviz numru 448.

Rat ir-rikors ta' l-attur ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali tal-5 ta' Frar 2001 akkordat minn dina l-Qorti b'digriet tal-istess jum;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha huwa eccepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi.

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:

L-attur qieghed jitlob dina l-Qorti biex jikkorregi l-att tat-twelid ta' bintu minuri numru 27/1985 billi isimha jigi jaqra "Yanica Elaine-Marie" u mhux kif jidher prezentement "Elaine-Marie" biss. Mill-provi u d-dokumenti esebiti din il-Qorti hi sodisfatta li t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu akkolti fis-sens li gie pruvat ghas-sodisfazzjon taghha li l-minuri giet konsistentement imsejha u hi maghrufa bl-ewwel isem ta' Yanica.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qeghdha tilqa' t-talbaiet ta' l-attur billi:

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru sebgha u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (27/1985) billi fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtijin" jizdied l-isem "Yanica' qabel dak ta' "Elaine-Marie' u ukoll fil-kolonna intestata "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha" l-isem "Elaine Marie" jigi sostitwit bl-isem "Yanica".

Tordna, jekk il-kaz, li dan it-tibdil jigi riflett f'kull att iehor ta' l-istat civili tal-minuri.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur